MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru. 366/2006

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
RICHARD CALLEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard Calleja, ta' 24 sena, bin Nazzareno u Carmen nee' Buttigieg, imwieled Pieta' fit-3 ta' Lulju 1981 u residenti 20, Triq Sant'Andrija, Msida, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 371781(M), u akkuzat talli fl-4 ta' Marzu 2006 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu fl-Iklin, ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi Fi u accessorji ohra minn vettura tal-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni IAM 834, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u l-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000), sar ghad-dannu ta' Paul Ciantar minn B'Kara u/jew persuni ohra.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' l-affarijiet imsemmija aktar 'l fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil-vettura tal-ghamla Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni IAM 834, liema hsara tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda hija inqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), li saret ghad-dannu ta' Paul Ciantar minn B'Kara u/jew persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-27 ta' Gunju 2006, ghar-rigward l-ewwel u t-tielet akkuza.

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikli 261, 263, 264, 267, 270, 271, u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputat taht ordni ta' 'probation' ghal tlett snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew 'probation officer' iehor minnu nominat. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tal-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi d-derubat hafer lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------